**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 67/2022GG**

**Marthese Azzopardi (K.I. 359863M), bint Carmel Sammut u Pauline nee Borg, imwielda Birkirkara fit-8 ta' Lulju 1963**

**Joseph Sammut (K.I. 166767M), iben Carmel Sammut u Pauline nee Borg, imwieled Pieta' fil-21 t'April 1967**

**vs**

**Avukat Dr. Martha Mifsud u PL Hilda Ellul Mercer nominati permezz ta' Digriet datat 22 ta' Lulju, 2022 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-eredi mhux maghrufa ta' Teresa Gauci (K.I. 35430M), armla ta' Joseph Gauci, bint il-mejtin Carmelo Ciappara u Carmela nee Sciberras, imwielda Birkirkara**

Illum 7 ta' Novembru 2024.

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat[1] tal-atturi Marthese Azzopardi u Joseph Sammut, ipprezentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-24 ta' Jannar 2022, bis-segwenti premessi u talbiet:

[1] Fol. 1 sa 5

Illi Teresa Gauci mietet l-Imsida fil-hmistax ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin.

Illi kif jirrizulta mir-ricerki testmamentarji, Teresa Gauci ghamlet testament ppublikat in atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius data sitta ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha – li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK MA1-li bis-sahha tieghu, fost dispozizzjonijiet ohra;

a) Hassret kwalunkwe testament li setghet ghamlet qabel; u
b) Halliet b'titolu ta' legat lil Carmelo Sammut ir-residenza taghha u cioe l-fond bl-isem 'Les Mans', bin-numru ufficjali mija u sitta u ghoxrin (126), fi Triq Carmel, Birkirkara.

Illi il-legatarju Carmel Sammut miet qabel il-mejta Teresa Gauci fis-sittax t'Ottubru elfejn u tmintax – hekk kif jixhed ben tajjeb kopja tac-certifikat tal-mewt tieghu koja ta' liem qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK MA2 – u bis-shha ta' arikolu numru 745 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), dan il-legat iddevola favur id-dixxendenti tal-mejjet Carmelo Sammut, li huma uliedu u cioe ir-rikorrenti Maria Theresa sive Marthese Azzopardi u Joseph Sammut.

Illi, ghal kull buon fini, kopji tal-ahhar, testament tal-imsemmi Carmel Sammut flimkien mad-dikjarazzjoni Causa Mortis relattiva qieghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala DOK MA3 u DOK MA4, rispettivament.

Illi d-Dikjarazzjoni Causa Mortis tal-istess Terasa Gauci giet debitament ppublikata in atti tan-Nutar Marthese Felice data tlettax ta' Lulju elfejn u wiehed u ghoxrin, kopja ta' liem qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK MA5.

Illi r-rikorrenti huma ghalhekk il-legatarji tal-mejta Terasa Gauci.

Illi permezz tat-testment taghha sovra citat, Terasa Gauci innominat bhala eredi universali taghha;

a) F'sehem ta' terz indiviz (1/3) bejniethom lil Lorenza Bugeja, Mary Sammut, Phyllis Borg, Doris Mallia, Helen Cardona, Victor

Caruana, Carmel Sammut, ulied il-mejtin Guzeppi Sammut u Paola nee' Ciappara

b) F'sehem ta' terz (1/3) indiviz lil Carmela Cannataci, Amalia Demicoli, Rita Zammit, Agnes Magro, Anthony Micallef, Joseph Micallef u Charles Micallef, ulied Helen Micallef

c) F'sehem ta' wiehed minn ghaxra (1/10) ta' terz indiviz (1/3) lil David Ebejer u Noel Ebejer, ulied il-mejta Maria Ebejer'

d) F'sehem ta' wiehed minn ghaxra (1/10) ta' terz indiviz (1/3) lil Brian Micallef u Christine Camilleri, ulied il-mejjet Peter Micallef; u

e) F'sehem ta' terz indiziv (1/3) bejniethom lil Carmela mart Carmelo Lia, Victor Ciappara, George Ciappara, Charles Ciappara, Vincent Ciappara, Helen mart Jimmy Galea u Josephine mart Antonio Borg, ulied il-mejjet John Ciappara

Illi l-identita' ta' dawn l-eredi hija injota ghar-rikorrenti u ghalhekk l-eredi ta' Teresa Gauci ghadom ma immittewx fil-pussess tal-legat imholli lir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti jixtiequ li jaddivjenu ghall-att ta' imissio in possesio mehtieg skond il-ligi.

Illi n-nuqqas ta' immissjoni fil-pussess tal-propjeta' sucitata jista' jilledi d-drittijiet propjetarji u successorji tar-rikorrenti fil-legat lillhom imholli minn Terasa Gauci.

Illi kontestwalment ma dan ir-rikors guramentat, l-esponenti qieghdin jipprezentaw rikors ghall-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interess tal-eredi ta' Terasa Gauci li mhumiex maghrufa u mhumiex traccabli.

Ghaldaqstant, filwaqt li jgibu is-suespost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

a) Tordna lill-Kuraturi Deputati appuntati sabiex jimmittu fil-pussess lir-rikorrenti tal-legat mholli lilhom minn Terasa Gauci bit-testment taghha tas-6 ta' Marzu 2007 fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius ossija tal-fond 126, Les Mans, fi Triq Carmel, Birkirkara, kif sovra spjegat.

b) Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att opportun ta' immissjoni fil-pussess tal-legat imholli mill-mejta Teresa Gauci

lil Marthese Azzopardi u Joseph Sammut u dan bil-prefissjoni tal-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att.

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhirla xieraq u opportune.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat[2].

Rat li, b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta, moghti fit-22 ta' Lulju 2022, inhatru l-Avukat Dr. Martha Mifsud, u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw f'din il-kawza lill-eredi mhux maghrufa ta' Teresa Gauci.[3]

Rat ir-Risposta Guramentata[4] mressqa mill-kuraturi deputati fit-12 ta' Mejju 2023, li permezz taghha wiegbu hekk:

1. Illi r-rikorrenti ghandhom iġibu provi tal-kawza taghhom.

2. Illi l-kawza qedgha tiġi kontestata fil-fatt u fid-dritt madanakollu, l-esponenti mhux edotti mill-fatt u qed jirriservaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri fi stadju opportun.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit tal-attrici Marthese Azzopardi.

[2] Fol. 6 sa 20
[3] Fol. 31
[4] Fol. 97 u 103

**Ikkunsidrat li:**

1. Din hija kawza ghall-hlas ta' legat ta' jedd ta' proprjeta' fuq immobbli [126, Les Mans, Triq Carmel, Birkirkara] li l-atturi jghidu li ghadda ghandhom minflok missierhom, wara li kien thalla lilu permezz ta' testment li kienet ghamlet certu Teresa Gauci fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vassallo-Agius tas-6 ta' Marzu 2007. Il-kuraturi iddikjaraw li ma kinux edotti mill-fatti, u filwaqt li kkontestaw it-talbiet, eccepew li l-atturi kellhom jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom ta' fatt.

2. L-provi dokumentarji tal-atturi huma maghmulha minn (i) kopja ta' testment ta' Teresa Gauci (35430M) pubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo-Agius tas-6 ta' Marzu 2007[5]; (ii) certifikat tal-mewt ta' missierhom Karmenu Sammut[6]; (iii) kopja ta' testment tal-istess Karmenu Sammut u martu Pauline Sammut[7]; (iv) att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* li Pauline Sammut, armla ta' Carmelo, ghamlet quddiem in-Nutar Dorian Sammut fil-11 ta' Marzu 2019[8]; (v) att ta' dikjarazzjoni *causa mortis*, pubblikat min-Nutar Dottor Marthese Felice fit-13 ta' Lulju 2021[9], li ghamlu l-atturi dwar li l-mejta Teresa Gauci kienet tippossjedi l-fond 126, Les Mans, Triq Carmel, Birkirkara fid-data ta' mewtha; u (vi) affidavit tal-attrici Marthese Azzopardi[10].

3. Permezz ta' affidavit, l-attrici ddikjarat li Teresa Gauci mietet fil-15 ta' Dicembru 2020, u halliet testment wiehed fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vassallo-Agius tas-6 ta' Marzu 2007, li bih, fost disposizzjonijiet ohra, halliet lil missier l-atturi Carmelo Sammut, il-proprjeta' tal-fond imsemmi f'Birkirkara b'titlu ta' legat. Missier l-atturi Carmelo Sammut miet fis-16 ta' Ottubru 2018, u halla biss zewgt ulied, li ghalhekk huma msejha biex jircievu l-legat li halliet Teresa Gauci flok missierhom. Ghalkemm, bit-testment imsemmi, Teresa Gauci istitwiet eredi universali, lil dawn l-eredi l-atturi ma jafuhomx, u ghalhekk baqghu ma mmettewhomx fil-pussess ta' dan il-legat.

---

[5] Fol. 6 sa 9
[6] Fol. 10
[7] Fol. 11 sa 12
[8] Fol. 13 sa 16
[9] Fol. 17 sa 20
[10] Fol. 108 sa 109

4. Il-Kuraturi Deputati ma ghamlu ebda mistoqsija in kontroezami u lanqas ressqu provi;

**Ikkunsidrat ukoll li:**

5. Kif espressament provdut fl-**artikolu 562** tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-procediment civili, l-oneru tal-prova jaqa' fuq min jallega u dan kif ukoll wisq drabi osservat fil-gurisprudenza illi *ei incumbit probatio qui dicit non qui negat.* Inoltre, sabiex l-attur jirnexxi fit-talbiet tieghu, huwa mistenni li jressaq l-ahjar prova ta' dak allegat minnu (**art. 558, 559**, tal-istess Kapitolu) biex jissodisfa lill-gudikant li, fuq bilanc ta' probabiltajiet, l-allegazzjonijiet tieghu ta' fatt ghandhom mis-sewwa.

> *"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibiltajiet, imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet."*[11]

6. Mill-assjem tal-provi skarsi mressqa mill-atturi f'din il-kawza, u mill-posizzjoni legali taghhom kif spjegata fl-att promotur, u aktar, fl-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* pubblikat min-Nutar Dottor Marthese Felice fit-13 a' Lulju 2021, din il-Qorti fehmet li l-atturi jistennew li Teresa Gauci halliet lil missierhom Carmelo Sammut legatarju bl-Ghaxar Artikolu tat-testment li kienet ghamlet fl-atti tan-Nutar Vassallo-Agius tas-6 ta' Marzu 2007, u li dan ghadda ghandhom bil-jedd moghti bl-**art. 745**[12] tal-Kodici Civili. Minn lat ta' dritt sostantiv, ghalhekk, l-atturi jridu li:

(i) is-successjoni ta' Teresa Gauci, armla minn Giuseppe Gauci, bint il-mejtin Carmelo Ciappara u Carmela nee Sciberras, imwielda u kienet toqghod Birkirkara, kellha l-karta tal-identtia' numru 35430M, hija regolata bit-testment li hija kienet ghamlet fl-atti tan-Ntuar Dottor Joseph Vassallo-Agius tas-6 ta' Marzu 2007 fl-4pm;

[11] **Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino noe**, Appell, 25.2.1952 kif citata sa ricentement fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, Rik. Gur. Nru. 1055/11/1, **Arthur Mercieca et vs David Arrigo et**, 18.6.2024, para. 48

[12] Ara fol. 18

(ii) mhux maghruf jekk l-eredi, nominati mill-istess mejta bit-Tlettax-il Artikolu ta' dan it-testment taghha, accettawx jew le l-eredita' taghha, u lanqas huwa maghruf jekk ghadhomx hajjin, u dan minkejja li testment jaghti l-parentela taghhom;

(iii) kieku Teresa Gauci mietet intestata, u missier l-atturi miet qabilha, l-atturi kienu jkunu msejha ghas-successjoni taghha *ab intestato* bil-jedd ta' rapprezentazzjoni kif stipulat fl-**art. 801** *et seq.* tal-Kodici Civili, u dan jaghtihom id-dritt ghall-hlas tal-legat mertu tal-kawza kif stipulat fl-**art. 745** tal-Kodici Civli.

7. Ghalkemm il-kuraturi nominati biex jirraprezentaw lill-*"eredi mhux maghrufa ta' Teresa Gauci (K.I. 35430M)"* dehrilhom li m'ghandhomx jaghmlu provi, lanqas b'mistoqsijiet in kontroezami, dwar it-talbiet tal-atturi, li pero' jinsabu kontestati mill-istess kuraturi, din il-Qorti trid tqis u tiddeciedi jekk l-atturi rnexxielhomx jippruvaw, sal-grad mistenni minnhom, il-fatti rilevanti biex tirnexxi l-azzjoni taghhom ghall-hlas tal-legat tal-proprjeta' tad-dar residenzjali tal-mejta Teresa Gauci.

8. Din il-Qorti tghid mill-ewwel li ma ssibx li l-atturi rnexxielhom jippruvaw, fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-pretensjonijiet taghhom fuq it-tlett binarji elenkati minn dina l-Qorti fil-paragrafu sebgha (7) ta' din is-sentenza. Sfortunatament, l-iskarsezza ta' provi mressqa minnhom tixhed l-idea hazina li, fi procediment bhal dan prosegwit kontra kuraturi, mhix mehtiega r-rigorozita' tal-prova li tingieb fi procediment fejn il-konvenut ikun maghruf, u jkun qed jikkontesta l-kawza fil-kapacita' personali tieghu. Din l-idea hija ghalkollox zbaljata, ghaliex il-ligi tal-procedura ma taghmel ebda distinzjoni. Pjuttost tpoggi oneru akbar fuq il-kuraturi bl-obbligi addizzjonali, u specifiki, elenkati fl-**art. 936** u **937** tal-Kap. 12, obbligi li, f'dan il-kaz u mill-atti processwali, din il-Qorti ghandha dubji serji kemm setghu twettqu kif trid il-ligi.

9. Din il-Qorti tqis li l-fatti kollha allegati mill-atturi setghu facilment kienu pruvati bid-dokumenti appoziti. Minkejja dan, ma tresssaq ebda certifikat tal-mewt ta' Teresa Gauci bhalma ukoll ma tressqux ir-ricerki testamentarji dwarha, pubblici u sigrieti, biex jippruvaw li s-successjoni taghha hija regolata bit-testment tan-Nutar Vassallo-Agius tas-6 ta' Marzu 2017, li l-atturi jistriehu fuqu ghall-jedd taghhom. Hemm jaghmel tajjeb, ghal dan in-nuqqas, id-dikjarazzjoni dwar il-kontenut taghhom, li saret fl-att tan-Nutar Felice tat-13 ta' Lulju 2021, u li fin-nuqqas ta' prova kuntrarja,

jikkostitwixxi prova wkoll ta' dak dikjarat fih fit-termini tal-**art. 629** tal-Kap. 12.

10. Hekk ukoll, minn qari akkurat tad-disposizzjonijiet testamentarji fit-testment li fuqu jistriehu l-atturi, jirrizulta li dan kien ppublikat fir-residenza proprja tat-testatrici, li thalliet bil-legat prosegwit b'din l-azzjoni mill-atturi. Din il-Qorti tifhem li n-Nutar li ppublika dak it-testment seta' jixhet dawl mhux biss fuq il-legat mertu ta' din l-azzjoni, imma wkoll fuq l-identita' tal-eredi nominati bl-istess testment mit-testatrici. Lanqas dan ma xehed f'din il-kawza.

11. Ukoll, indipendentement mill-ahjar prova li setghet saret bix-xiehda tan-Nutar Vassallo-Agius, l-atturi ma ressqu ebda prova dwar kif ikkonkludew li l-beneficcjarju tal-legat imholli bl-Ghaxar Artikolu ta' dan it-testment kien proprju missierhom, u mhux xi Carmelo Sammut iehor, meta fl-istess disposizzjoni ma jinghata ebda taghrif distintiv iehor dwaru, ghall-kuntrarju ta' beneficcarji nominati bl-istess testment, inkluz l-eredi universali. Mill-kontenut tad-dikjarazzjoni *causa mortis* li ghamlet omm l-atturi wara l-mewt ta' missierhom, jirrizulta li l-genituri tal-atturi kienu wkoll minn Birkirkara, u kellhom garaxx ftit bibien biss 'il boghod mid-dar tar-residenza ta' Teresa Gauci [garaxx numru 150, Triq il-Karmnu, Birkirkara[13]; u d-dar kellha n-numru 126, Triq il-Karmnu, Birkirkara[14]]. Din l-osservazzjoni ta' fatt mill-Qorti tibqa' supposizzjoni, minghajr id-debita spjegazzjoni jew konnessjoni ta' fatt b'sahha probatorja.

12. Karenza ohra fil-provi mressqa mill-atturi f'din il-kawza tirrigwardja l-identita' tal-eredi nominati. Din il-Qorti tifhem li, bit-taghrif moghti dwarhom fit-Tlettax-il Artikolu, l-atturi setghu facilment fittxew l-identita' preciza taghhom, u jekk ghadhomx hajjin, fir-Registru Pubbliku, bic-certifikazzjonijiet appoziti dwar it-twelid u/jew l-imwiet taghhom, u f'kaz ta' diffikulta', setghu rrikorrew ghall-jeddijiet li taghtihom il-ligi tal-procedura biex jaghmlu din il-prova fil-kors ta' dan il-procediment.

13. Dan kollu wahdu jiswa biex din il-Qorti tikkonkudi li l-atturi naqsu milli jressqu l-ahjar prova tal-jedd li jallegaw li ghandhom li jircievu l-hlas tal-legat, li jghidu li thalla favur missierhom minn

[13] Ara fol. 14
[14] Fol. 8

Teresa Gauci, bl-Ghaxar Artikolu tat-testment pubblikuk li kienet ghamlet fis-6 ta' Marzu 2007 fl-atti tan-Nutar Vassallo-Agius.

14. Ghall-kompletezza, u issa mill-ottika tad-dritt sostantiv dwar successjonijiet, anke kieku kellu jirrizulta li verament Teresa Gauci halliet legat ta' jedd ta' proprjeta' dwar l-immobbli 126, "Les Mans", Triq il-Karmnu, Birkirkara, lil missier l-atturi Carmelo Spiteri (551437M), xorta wahda l-atturi ma ppruvawx li ghadda ghandhom il-jedd ghall-hlas ta' dan il-legat mal-mewt ta' Teresa Gauci.

15. Fl-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* li dehru fuqu l-atturi, u li bih iddikjaraw li ghadda ghandhom b'successjoni minghand Teresa Gauci l-fond 126, "Mans", Triq il-Karmnu, Birkirkara, huma spjegaw il-provenjenza tal-fond kif gej:

> *"Kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji, hawn annessi markati Dokumenti C u D*[15]*, il-mejta ghamlet testment fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius tas-sitta ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (6/3/2007) li bis-sahha tieghu, fost disposizzjonijiet ohra, ghamlet dan li gej:*
> *(a) Hassret kwalunkwe testment li setghat ghamlet qabel;*
> *(b) Halliet b'titolu ta' legat lil Carmelo Sammut ir-residenza taghha l-fond bl-isem "Les Mans", numru mija u sitta u ghoxrin (126), Carmel Street, Birkirkara.*
> ***Il-legatarju Carmel Sammut miet qabel il-mejta Teresa Gauci, fis-sittax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (16/10/2018) u bis-sahha tal-Artikolu numru sebgha mija u hamsa u erbghin (Art 745) tal-Kodici Civili (Kapitolu sittax (16)) tal-Ligijiet ta' Malta dan il-legat iddevolva favur d-dixxendenti tal-mejjet Carmelo Sammut, li huma wliedu, il-komparenti maria Theresa maghrufa bhala Marthese Azzopardi u Joseph Sammut***[16]
> *… "*

16. Id-disposizzjoni testamentarja li fuqha jistriehu l-atturi hija s-segwenti:

> *"L-Ghaxar Artikolu*
>
> *It-testatrici thalli b'titolu ta' legat ir-residenza taghha u cioe l-fond bl-isem ta' "Les Mans" bin-numru mija sitta u ghoxrin*

[15] Mhumiex parti mill-ati
[16] Enfasi ta' din il-Qorti

*(126) Carmel Street, Birkirkara, inkluz mill-ghadba 'l gewwa lill-carmelo Sammut eccettwati biss minn dana l-legat il-kotba tal-banek, cedoli bankarji, deheb, fidda, hagar prezzjuz, flus kontanti u titoli rapprezentanti flus".*

17. L-**art. 745 Kod. Civ.** jipprovdi hekk:

**745. (1)** Dispożizzjoni ta' testment tibqa' mingħajr effett jekk il-persuna li favur tagħha tkun saret tmut qabel it-testatur.
**(2) Iżda, id-dixxendenti tal-werriet jew tal-legatarju jidħlu minfloku fil-wirt jew fil-legat kull meta, kieku s-suċċessjoni kienet ab intestato, kien ikollhom il-jedd tar-rappreżentazzjoni, barra minn meta t-testatur ikun iddispona xort'oħra, jew il-legat ikun ta' użufrutt, użu, jew abitazzjoni, jew ta' jedd ieħor minnu nnifsu persunali.**[17]

18. Il-jedd ta' rapprezentazzjoni fis-successjoni intestata huwa moghti bil-ligi kif gej:

**801.** Ir-rappreżentazzjoni għandha bħala effett li ddaħħal lir-rappreżentanti fil-lok, fil-grad, u fil-jeddijiet tar-rappreżentati.

**802.** Ir-rappreżentazzjoni fil-linja dritta li tinżel tista' tibqa' sejra bla tmiem, u fil-każijiet kollha, sew jekk it-tfal tal-mejjet jidħlu għall-wirt mad-dixxendenti ta' tifel ieħor li jkun miet qabel, kemm jekk, fil-każ li t-tfal kollha tal-mejjet ikunu mietu qablu, id-dixxendenti jkunu jinsabu bejniethom fi grad indaqs jew le.

**803.** Bejn l-axxendenti ma hemmx jedd ta' rappreżentazzjoni: l-iżjed qrib jirbaħ lill-oħrajn.

**804.** (1) Fil-linja kollaterali, il-jedd tar-rappreżentazzjoni jingħata lit-tfal u lid-dixxendenti ta' ħut il-mejjet, sew jekk dawn it-tfal jew dixxendenti jidħlu għall-wirt ma' zijiethom, kemm jekk, billi ħut il-mejjet ikunu kollha mietu qabel, il-wirt igħaddi għad- dixxendenti tagħhom fi gradi mhux indaqs.

[17] Enfasi ta' din il-Qorti

(2) Jekk it-tfal jew dixxendenti ta' ħut il-mejjet ikunu fi grad indaqs, ilkoll jirtu *per capita*, mingħajr rappreżentazzjoni.

**805.** (1) Fil-każijiet kollha li fihom tingħata r-rappreżentazzjoni il-qasma ssir *per stirpes*.
(2) Jekk fl-istess nisel wieħed ikun hemm żewġ friegħi jew iżjed, is-sud-diviżjoni ssir *per stirpes* f'kull fergħa; u bejn dawk ta' fergħa waħda, il-qasma ssir *per capita*.

**806.** Ma tingħatax rappreżentazzjoni ta' persuni ħajja, iżda biss ta' dawk li jkunu mejta jew inkapaċi li jirtu jew li, billi jkunu ilhom assenti għal żmien twil, ikunu ġew iddikjarati b'sentenza tal-qorti kompetenti li għandhom jitqiesu mejta.

**807.** Hu mogħti li jiġi rappreżentat dak li l-wirt tiegħu jkun ġie irrinunzjat.

19. F'dan il-kaz, l-atturi ma ppruvawx li, kieku Teresa Gauci mietet intestata meta missierhom kien ga mejjet, huma kienu jkunu msejhin ghall-eredita' taghha b'dan il-jedd ta' rapprezentazzjoni. Mad-daqqa t'ghajn, ma jissemmiex li Teresa Gauci kellha ulied, u ghalhekk, aktar iva milli le, l-atturi m'ghandhomx qrubija fil-linja dritta maghha. Pero' lanqas dan il-fatt m'hu ppruvat, ghax l-atturi ma jghidu xejn fuq hekk fl-uniku affidavit li ressqu. Lanqas ma ssemmiet li hemm xi parentela kollaterali, vicina jew remota, bejn din Teresa Gauci u l-atturi. L-unika element komuni li setghet tara din il-Qorti huwa li Teresa Gauci kienet xebba Ciappara, u n-nanna paterna tal-atturi hija indikata bhala Pawla Sammut nee Ciappara fic-certifikat tal-mewt ta' missierhom. Pero', anke hawn, ma tressqet ebda prova fir-rigward, u ghalhekk l-osservazzjoni tal-Qorti tibqa' supposizzjoni.

20. Konsegwentement, ladarba l-atturi naqsu milli jippruvaw li, fic-cirkostanzi li fihom mietet din Teresa Gauci, huma kien ikollhom jedd ghas-successjoni intestata taghha bir-rapprezentazzjoni, ma jirrizultax pruvat lanqas li seta 'ghadda ghandhom il-jedd ghall-hlas tal-legat li seta' thalla lil missierhom minn Teresa Gauci bid-disposizzjoni testamentarja fuq citata.

**Decide:**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tilqa' l-kontestazzjoni maghmula mill-kuraturi bl-eccezzjonijiet taghhom, tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kontra l-istess atturi.**

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**

**Deputat Reġistratur**